MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 2717/2002/1

**Maltacom plc u b' digriet tal-Qorti tallum, l-isem tas-socjeta` attrici gie mibdul ghal GO plc**

**vs**

**Silvan Industries Ltd u b' digriet tat-Tribunal tat-12 ta' Mejju, 2003 gie ordnat il-kjamat fil-kawza tas-socjeta` Vema Ltd u Silvio Vassallo**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' Marzu, 2007 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta Novembru, 2002 fejn qed jintalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta` elf, tliet mija u tlieta u tletin, tmienja u erbghin

centezmu (Lm1,333.48), ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` servizz telefoniku bin-numru 343435 kont numru 10090203 – AT 330/90 installat fil-fond 57, Triq it-Torri, Sliema kif jirrizulta minn dokumenti esebiti A u B.

Bl-spejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fid-9 ta Jannar, 2003 fejn ikkontestat it-talba attrici peress illi huwa kien avza lill-istess socjeta` attrici permezz ta` ittra esebita Dok X li ma kellux aktar bzonn l-istess servizz u fi kwalunkwe kaz dik il-linja kienet qed tigi uzata minn Vema Ltd u/jew minn Silvio Vella li kwindi ghandhom jigu kjamati fil-kawza. Illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tinsab preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (f) Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi permezz ta` digriet datat 12 ta Mejju, 2003, dan it-Tribunal ordna l-kjamata fil-kawza tas-socjeta` Vema Ltd u ta` Silvio Vassallo.

Ra r-risposta taz-zewg kjamati fil-kawza datata 3 ta Marzu, 2004 fejn ikkontestaw it-talba attrici fil-konfront taghhom peress illi m`ghandhom ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici.

Ra illi fl-ahhar seduta tad-19 ta Frar, 2007, il-kjamati fil-kawza issollevaw ukoll il-kwistjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna fil-konfront taghhom ai termini tal-artikolu 2156 (f) Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

Sema` l-provi migjuba quddiemu u ezamina d-dokumenti esebiti.

Sema` it-trattazzjoni orali maghmula mill-konsulenti legali tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi m`hemmx dubju li s-service agreement fuq il-linja in kwistjoni esebit a fol 2 tal-process jghajjat lis-socjeta` konvenuta u in fatti l-istess Antoine Vassallo jikkonferma bil-gurament l-firma tieghu fuq l-istess ftehim dejjem ghan-nom tas-socjeta` konvenuta.

Illi l-istess Antoine Vassallo u l-avukat Dottor Siegfried Borg Cole xehdu fit-tul u esebew diversi dokumenti fejn spjegaw l-arrangamenti li kienu bejn l-ahwa Vassallo nkluz fuq il-linja tat-telephone in kwistjoni, pero` it-Tribunal jinnota li tali arrangamenti ma jaghmlu ebda stat legali jew fattwali fil-konfront tas-socjeta` attrici peress illi ma gietx involuta fl-istess u wisq anqas intliet il-formola appozita mal-istess socjeta` attrici sabiex tigi tterminata l-linja jew sabiex tkun tista` tigi trasferita favur terz. Dan gie anke kkonfermat mill-kjamati fil-kawza li qalu li dan is-servizz qatt ma` dahar ghal fuqhom ghalkemm kien jinsab installat gewwa fond taht il-kontroll taghhom u li gieli setghu ghamlu uzu minnu.

Illi dwar il-kwistjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta, giet esebita kopja legali ta` ittra ufficcjali Dok IZY 1 a fol 47 tal-process li tidher li giet notifikata lis-socjeta` konvenuta skond ir-riferta a fol 48 tal-process. Barra minnhekk pero` jirrizulta mir-rendikont esebit mal-avviz, li kienu saru diversi pagamenti akkont fuq dan is-servizz, l-ahhar wiehed jirrisali ghal 11 ta` Gunju, 2001. Dawn il-pagamenti gew ikkonfermati bil-gurament minn Dr Ingrid Zammit Young kif ukoll ikkonfermat li l-ammont mitlub kien ghadu dovut. Illi ghalhekk dawn iz-zewg fatturi jservu tassew bhala interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi fl-ewwel lok jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta u kif ukoll u fit-tieni lok jichad l-eccezzjonijiet l-ohra

mressqa mill-istess socjeta` konvenuta filwaqt li jilqa` l-eccezzjoni sollevata mill-kjamati fil-kawza tan-nuqqas ta` relazzjoni guridika kwindi jillibera lill-istess kjamati fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju u jilqa` t-talbiet attrici limitatament fil-konfront tas-socjeta` konvenuta. Konsegwentement ghalhekk is-socjeta` konvenuta qed tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` elf, tliet mija u tlieta u tletin lira, tmienja u erbghin centezmu (Lm1,333.48), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u l-ispejjes ta` din l-istanza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta` konvenuta hlief ghal dawk relatati mal-kjamati fil-kawza li ghandhom jibqghu a karigu tal-istess kjamati fil-kawza filwaqt li jibqa` inpregudikat kwalsiasi dritt ta` azzjoni spettanti lis-socjeta` konvenuta kontra l-kjamati fil-kawza fuq il-meritu odjern hawn deciz.**”**

L-appell tas-socjeta` konvenuta fil-konfront ta’ din is-sentenza hu impostat fuq dawn l-aggravji:-

(1) Sa mill-1995 hi kienet informat lis-socjeta` attrici illi l-utent il-gdid tal-linja telefonika kienet ser tkun is-socjeta` msejha fil-kawza, Vema Limited, ghax hi ma baqghetx topera mill-fond fejn din il-linja kienet installata;

(2) It-Tribunal naqas li jiddeciedi l-kaz quddiemu skond l-ekwita;

(3) Lanqas ma kellu jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni opposta;

Is-socjeta` appellanti tippernja l-ewwel ilment taghha eskluzivament fuq il-bazi ta’ l-ittra taghha tat-3 ta’ April 1995 (ara kopja esebita a fol. 7). Biha, hi trid issostni l-punt illi gjaladarba informat lis-socjeta` attrici illi la darba ccessat l-operazzjonijiet taghha mill-fond fejn kien hemm il-linja tat-*telephone*, il-pretensjoni kreditorja tas-socjeta` attrici kellha tkun diretta kontra s-socjeta` Vema Limited, *qua* operatur gdid fl-istess fond. In bazi ghal dan l-argoment taghha, is-socjeta` konvenuta ticcensura lit-

Tribunal fid-decizjoni tieghu bis-sottomissjoni illi dan ma kienx messu illibera lill-imsejha fil-kawza bl-iskuza tan-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn dawn l-istess kjamati u s-socjeta` attrici;

Din il-Qorti, kif presjeduta, gja kellha okkazjoni tfisser illi "b' relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem dak l-att jew pluralita ta' atti konnessi li jimmiraw ghall-produzzjoni ta' effetti guridici fl-ambitu tad-drittijiet bejn zewg soggetti jew aktar" ("**Burmarrad Commercials Ltd -vs- Desmond Mizzi *et***", 28 ta' Frar, 2007). Applikat dan ghall-fattispeci tal-kaz in ezami hu skontat illi tali relazzjoni negozjali kienet certament tezisti bejn is-socjeta` appellanti u s-socjeta` attrici, in kwantu kienet dik ta' l-ewwel li applikat ghal-linja tat-*telephone* fil-fond 57 Tower Road, Sliema. Dan kif korroborat mid-dokument a fol. 2. Naturalment, is-socjeta` appellanti tippretendi illi l-imsejha fil-kawza integraw ruhhom minflokha f' dan l-istess rapport negozjali in virtu ta' l-ittra taghha tat-3 ta' April 1995, li hi tallega li ntbaghtet lis-socjeta` attrici, izda li din ta' l-ahhar tizmentixxi li rceviet (ara deposizzjoni ta' Dr. Ingrid Zammit Young a fol. 13);

Huwa accertat, u sahansitra ammess mill-istess socjeta` appellanti, illi l-komunikazzjoni lis-socjeta` attrici tac-cessazzjoni ta' l-attivitajiet taghha mill-fond, u allura ta' l-estromissjoni taghha mir-relazzjoni kontrattwali kostitwita bl-applikazzjoni taghha ta' l-10 ta' Awissu 1990, ma saretx mis-socjeta` appellanti skond il-formula preskritta mir-regolamenti li jiggvernaw l-operazzjonijiet tas-socjeta` attrici. Disdetta r-ricezzjoni ta' l-ittra fuq imsemmija, l-inadempjenza tas-socjeta` appellanti li ssegwi l-formalita tat-trasferiment tal-linja lis-socjeta` msejha fil-kawza gabet, b' konsegwenza, illi hi baqghet is-*subscriber* rikonoxxuta responsabbli ghall-kontijiet tas-servizz provvdut mis-socjeta` attrici. Ara f' sens konformi s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Superjuri tat-30 ta' Marzu 2001 in re: "**Korporazzjoni Telemalta -vs- Tony Cardona *et***";

Forsi jista’ jizdied ma’ dan illi din il-Qorti ma tistax taccetta bhala proposizzjoni gustifikativa illi t-tmiem tar-responsabilita tal-hlas tas-servizz ikun jiddependi mill-volonta ewlenija tas-*subscriber* rikonoxxut u li ghal dan il-hlas ghandu jirrispondi haddiehor. Proprju ghaliex ir-regolamenti jesigu li l-informazzjoni tat-tibdil minn utent ghall-iehor ghandha titwassal fuq formula idoneja, presumibilment ghall-ahjar kontroll u approvazzjoni debita, ma jistax ikun permess illi semplici ittra sostitutiva, del resto anke disdetta, isservi biex is-socjeta` appellanti thossha, liberament u legittimament, mahlula mill-obbligu kontrattwali taghha tal-hlas reklamat. Fuq dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel aggravju qed jitqies insostenibbli;

Bit-tieni motiv ta’ aggravju s-socjeta` appellanti tippretendi illi, la l-fatti wrew li hi ma baqghetx taghmel uzu mis-servizz tal-linja tat-*telephone* minn dak il-fond, *ergo* kien inkombenti fuq it-Tribunal illi jiggudika dwarhom bil-metru ta’ l-ekwita`. Jidher fuq il-punt imqanqal illi, kif gja ghamlet f’ decizjonijiet ohra taghha, il-Qorti tindirizza ruhha fuq il-kuncett ta’ l-ekwita, u kif din ir-regola ghandha tithaddem fil-kaz konkret;

Indubitament, l-ekwita hi intiza biex tkun maghzula mit-Tribunal dik ir-regola ta’ gudizzju li, b’ riferiment ghal kaz konkret, tikkonsenti ghal soluzzjoni aktar adegwata tal-kontroversja. Indubitament, ukoll, huwa vitali li din ir-regola tinzamm fil-qafas tar-ragjonevolezza u ma tithalliex tiskonfina fl-arbitrarjeta jew ‘il barra mis-sistema fejn il-ligi u l-principji tad-dritt jibqghu l-gwidi principali fl-ambitu tal-fattispeci specifici li jkunu qed jigu ezaminati. Certament, ma kellux ikun mistenni illi l-ekwita sservi bhala xi sors alternattiv jew awtonomu ghal-ligi b’ mod li t-Tribunal jinjora l-applikazzjoni taghha ghall-mertu tal-punt li kellu quddiemu. Pjuttost, ir-regola ta’ gudizzju u ta’ l-uzu tal-poter diskrezzjonali vestiti fih kellhom ikunu applikati fil-konfini tal-principju informatur tal-kwestjoni biex jigi verifikat, bhal f’ dan il-kaz, dak ir-rapport negozjali suggerit

mic-cirkustanzi tal-kawza. Taht dan l-aspett din il-Qorti ma ssibx illi fid-decizjoni tieghu t-Tribunal ma mmotivax b' mod logiku u razzjonali l-elementi fattwali prezentati lilu u dawk tar-rapporti guridici mitwielda minnhom. Anke allura dan l-aggravju qed jitqies infondat;

Relattivament ghall-ahhar aggravju rigwardanti l-preskrizzjoni opposta, it-Tribunal kellu quddiemu kemm il-fatt ta' l-ittra ufficcjali tat-22 ta' Awissu 2002 (ara kopja a fol. 47), debitament nofitikata lis-socjeta` konvenuta (ara riferta a fol. 48), kif ukoll il-fatt tal-hlas akkont li jinghad li sar fil-11 ta' Gunju 2001. Una volta li t-Tribunal korrettement iddetermina illi s-*subscriber* rikonoxxut mis-socjeta` attrici ma kien hadd hlief is-socjeta` appellanti, anke il-pagament parzjali, sar minn min sar, estrinsika ruhha f' dak ir-rikonoxximent tad-debitu prevvist mill-Artikolu 2134 tal-Kodici Civili. Tali pagament parzjali gab mieghu dak l-att implikanti l-ammissjoni ta' l-ezistenza tal-kreditu u, in kwantu tali, l-inkompatibilita` ta' dik il-volonta li tigi diskonoxxuta l-pretiza avvanzata tal-hlas tieghu. Imgieba bhal din ma tistax hlief tintegra l-estremi ta' dak l-att idoneju li jinterrompi l-preskrizzjoni;

B' mod generali jrid jigi sottolinejat illi hu ghal kollox irrelevanti ghall-Qorti l-uzu li bhala fatt kien qed isir mil-linja in kwestjoni jew minn min kien qed isir dan l-uzu. Lanqas ma hu ta' importanza min kien qed jaffettwa l-hlasijiet akkont, ghax dawn il-hlasijiet saru u servew biex parzjalment joqtlu l-kreditu pretiz. Kreditu dan li, ghall-effetti kollha, gie in essere mir-rapport kontrattwali interkjuz bejn is-socjeta` appellanti u s-socjeta` attrici. Fuq dan l-istess binarju ta' hsieb irragunat il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fuq citata "**Korporazzjoni Telemalta -vs- Tony Cardona *et***". Fis-sens ta' dawn il-konsiderazzjonijiet mhux lanqas il-kaz li l-Qorti tilqa' l-ahhar ilment sottopost.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta'

din l-istanza kontra s-socjeta` konvenuta appellanti. Dawk ta’ l-ewwel istanza jibqghu kif decizi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------